REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (KE) Nru 566/2009

tad-29 ta' Ġunju 2009

li jdaħħal denominazzjoni fir-reġistru tad-denominazzjonijiet protetti tal-oriġini u tal-indikazzjonijiet ġeografiċi protetti [Melton Mowbray Pork Pie (IĠP)]

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill Nru 510/2006 tal-20 ta' Marzu 2006 dwar il-protezzjoni tal-indikazzjonijiet ġeografiċi u d-denominazzjonijiet tal-oriġini tal-prodotti agrikoli u l-prodotti tal-ikel [1], u b'mod partikolari l-Artikolu 7(4) tiegħu,

Billi:

(1) Skont l-Artikolu 6(2) tar-Regolament (KE) Nru 510/2006 u b'applikazzjoni tal-Artikolu 17(2) tar-Regolament imsemmi, it-talba mressqa mir-Renju Unit għar-reġistrazzjoni tad-denominazzjoni "Melton Mowbray Pork Pie" ġiet ippubblikata f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* [2].

(2) Ġaladarba l-Kummissjoni ma rċeviet l-ebda dikjarazzjoni ta' oġġezzjoni skont l-Artikolu 7 tar-Regolament (KE) Nru 510/2006, din id-denominazzjoni għandha tkun irreġistrata.

(3) F'konformità mal-Artikolu 13(3), it-tieni subparagrafu tar-Regolament (KE) Nru 510/2006, perjodu tranżizzjonali jista' madankollu jingħata għall-impriżi stabbiliti fl-Istat Membru li fih tinsab iż-żona ġeografika, bil-kundizzjoni li dawn l-impriżi jkunu kkumerċjalizzaw il-prodotti kkonċernati b'mod legali, billi użaw b'mod kontinwu d-denominazzjonijiet ikkonċernati għal mhux inqas minn ħames snin qabel id-data tal-pubblikazzjoni msemmija fl-Artikolu 6(2) tar-Regolament imsemmi, u li dan il-punt ikun iddaħħal fil-qafas tal-proċedura nazzjonali ta' oġġezzjoni msemmija fl-Artikolu 5(5) tar-Regolament imsemmi.

(4) B'ittra li waslet fis-6 ta' April 2009, l-awtoritajiet tar-Renju Unit ikkonferma mal-Kummissjoni li l-impriżi Pork Farms Ltd, Stobarts Ltd u Kerry Foods Ltd, stabbiliti fuq it-territorju tiegħu, jissodisfaw il-kundizzjonijiet imsemmija fl-Artikolu 13(3), it-tieni subparagrafu tar-Regolament (KE) Nru 510/2006.

(5) L-impriżi msemmija, f'dawn il-kundizzjonijiet, huma awtorizzati jutilizzaw id-denominazzjoni rreġistrata "Melton Mowbray Pork Pie" għal perjodu provviżorju ta' ħames snin mid-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Id-denominazzjoni msemmija fl-Anness għal dan ir-Regolament b'dan hija irreġistrata.

L-impriżi Pork Farms Ltd, Stobarts Ltd u Kerry Foods Ltd, f'dawn il-kundizzjonijiet, huma awtorizzati jutilizzaw id-denominazzjoni msemmija għal perjodu ta' ħames snin mid-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament.

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara l-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, id-29 ta' Ġunju 2009.

Għall-Kummissjoni
Mariann FISCHER BOEL
Membru tal-Kummissjoni

[1] ĠU L 93, 31.3.2006, p. 12.
[2] ĠU C 85, 4.4.2008, p. 17.

ANNESS

Prodotti agrikoli maħsuba għall-konsum mill-bniedem elenkati fl-Anness I tat-Trattat tal-KE:

Klassi 1.2. Prodotti magħmulin mil-laħam (imsaħħnin, immelħin, affumikati, eċċ.)

IR-RENJU UNIT

[Melton Mowbray Pork Pie (IĠP)]